A.L. 14 ta' l-1991

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ

(ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(KAP. 225)

Ordni ta' l-1991 dwar Aċċessorji ta' l-Elettriku

(Ordni Nru. M30 ta' l-1991)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 dwar Aċċessorji ta' l-Elettriku, u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M30 ta' l-1991.

1.2 Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data li tiġi wara 20 jum mill-jum li fih jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data tiġi avżata mill-Bord fil-Gazzetta.

Għan.

2.1 Dan l-ordni huwa maħsub biex ikopri ħtiġijiet essenzjali dwar aċċessorji ta' l-elettriku bħal *socket outlets* u aċċessorji portabbli bħal ma huma *plugs*.

Applikabbiltà.

3.1 Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni japplikaw għal oġġetti importati u oġġetti manifatturati jew immuntati għas-suq lokali.

3.2 Dan l-ordni japplika għal aċċessorji li jintużaw f'*single phase a.c. circuits* b'vultaġġ ta' mhux inqas minn 50V u li ma jeċċedix 250V u *rating* tal-kurrent li ma jeċċedix 45 *Amperes*.

Konformità.

4.1 Kemm-il darba ma jkunx jikkonforma ma' dan l-ordni, ebda tagħmir li għalih japplika dan l-ordni ma għandu —

4.1.1 jinbiegħ, jiġi offrut għall-bejgħ, jiġi sponut għall-bejgħ jew ikun fil-pussess ta' xi persuna bil-għan li jinbiegħ;

4.1.2 jiġi manifatturat għal użu lokali jew impurtat f'Malta għal użu lokali.

4.2 It-tiswijiet kollha fuq aċċessorji koperti b'dan l-ordni għandhom isiru b'tali mod li ma jdaħħlux xi modifikazzjonijiet li ma jikkonformawx ma' dan l-ordni.

Tifsir.

5.1 Għandu japplika t-tifsir kollu ta' l-Ordni Nru. M28 ta' l-1990 dwar Tagħmir ta' l-Elettriku.

5.2 "Aċċessorju" tfisser mezz assoċjat mal-*wiring* elettriku ta' installazzjoni.

5.3 "Aċċessorju fiss" tfisser aċċessorju maħsub biex ikun parti minn u permanentement konness ma' installazzjoni fissa.

5.4 "Aċċessorju portabbli" tfisser aċċessorju għal użu li ma jkunx bħala parti minn installazzjoni fissa.

5.5 "*Adaptor*" tfisser aċċessorju portabbli bi *plug pins* maħsubin biex jingaġġaw mal-kuntatti ta' *socket outlet* korrispondenti u b'kuntatti ta' *socket outlets* biex jakkomodaw *plug* wieħed jew iżjed.

5.6 "*Cable reel*" tfisser kumpless li jikkomprendi *plug* u *socket outlet* konnessi flimkien b'tul ta' *cord* flessibbli u li għandu maħsub għat-tkebbib tal-*cord* fuq rukkell, bis-*socket outlet* imwaħħla jew integrali mar-rukkell.

Immarkar u tikkettjar.

6.1 Meta, għat-tħaddim bla periklu ta' xi aċċessorju li għalih japplika dan l-ordni, ikun meħtieġ li min jużah għandu jkun jaf b'xi karatteristika partikolari ta' l-aċċessorju, it-tagħrif meħtieġ għandu jingħata b'markaturi fuq l-aċċessorju nnifsu jew, fejn dan ma jkunx prattikabbli, f'avviż li jakkompanja lill-aċċessorju. Dan l-immarkar għandu għall-inqas jinkludi l-vultaġġ u r-*rating* tal-kurrent.

6.2 Kull immarkar jew tikkettjar għandu jsir bil-ilsien Ingliż u/jew bl-ilsien Malti, iżda fil-każ ta' oġġetti manifatturati għall-esportazzjoni jista' jintuża l-ilsien tal-pajjiż li jkun qed jimporta.

6.3 Għandu jkun hemm immarkati l-isem tal-marka jew *trade mark* u l-pajjiż ta' oriġini jew l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant.

6.4 Fil-każ ta' aċċessorji li jkollhom *two pole and earth terminals*, għandhom ikunu mmarkati l-*Line*, *Neutral* u *Earth conductors*.

6.5 Jekk l-aċċessorju jkun bil-*fuse*, il-kelma "FUSE" jew "FUSED" għandha tkun immarkata fuq l-aċċessorju f'pożizzjoni viżibbli meta l-aċċessorju jkun f'użu normali.

6.6 Fil-każ ta' *cable reels*, il-kurrent *rated* għandu jkollu żewġ valuri:

6.6.1 għall-*cord* fil-kondizzjoni ta' meta tkun imkebba għal kollox fuq ir-rukkell;

6.6.2 għall-*cord* fil-kondizzjoni ta' meta tkun maħtuta għal kollox mir-rukkell.

Kostruzzjoni.

7.1 L-aċċessorji għandhom ikunu sufiċjenti fid-daqs u l-qawwa għax-xogħol li jkun mistenni minnhom, u għandhom ikunu hekk kostruwiti, immuntati u mqabbdin sabiex jiġi evitat il-periklu safejn huwa raġonevolment prattiku.

7.2 L-aċċessorji li jaqgħu taħt dan l-ordni u li jkollhom *Earth terminal* għandu jkollhom id-disposizzjoni tal-*pins* jew *socket outlets* kif murija fil-Figura 1 li tinsab annessa ma' dan l-ordni.

7.3 Il-*plugs* li jaqgħu taħt dan l-ordni għandhom jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet li ġejjin:

7.3.1 Il-bażi u l-għatu ta' *rewireable plugs* għandhom ikunu mqabbdin fis-sod ma' xulxin u għandu jkun impossibbli li wieħed jaqla' l-għatu jekk il-*plug* ma jinqalax 'il barra għal kollox minn mas-*socket outlet*.

7.3.2 Il-*plugs* għandhom ikunu hekk maħsubin li waqt li jkunu qed jintużaw il-*pins* jibqgħu iżommu tajjeb il-pożizzjoni tagħhom u ma jkun hemm ebda probabbiltà li jinqalgħu minn mal-*plug* waqt użu normali.

7.3.3 Il-*plugs* tat-*13A (BS1363)* għandu jkollhom dawn il-ħtiġijiet li ġejjin:—

7.3.3.1 Il-profil ġenerali u d-dimensjonijiet kif murija fil-Figura 2 li tinsab annessa ma' dan l-ordni.

7.3.3.2 Ebda parti minn *Line pin* jew *Neutral pin* ma għandu jkollha distanza periferali ta' inqas minn 9.2mm imkejla matul il-wiċċ ta' ingaġġ.

7.3.3.3 Il-*Line pins* u n-*Neutral pins* tal-*plugs* għandhom ikunu iffittjati b'*insulating sleeves* li jkollhom id-dimensjonijiet murija fil-Figura 2 li tinsab annessa ma' dan l-ordni.

7.3.4 Il-partijiet *live* ma għandhomx ikunu aċċessibbli meta jkunu *wired* bħal f'użu normali u jkunu ingaġġati għal kollox f'*socket outlet*.

7.4 *Socket outlets* li jaqgħu taħt dan l-ordni —

7.4.1 għandhom ikunu hekk kostruwiti li meta jkun qed jiddaħħal *plug* korrispondenti l-konnessjoni ta' l-*Earth* issir qabel il-*pins* li jġorru l-kurrent. Meta jkun qiegħed jinqala' 'l barra l-*plug*, il-partijiet li jġorru l-kurrent għandhom jisseparaw qabel ma jinqata' l-kuntatt ta' l-*Earth*.

7.4.2 għandhom, ħlief għal *shaver units*, ikunu hekk kostruwiti li ma jkunx jista' jkun hemm qlib ta' polarità.

7.4.3 għandhom ikunu hekk kostruwiti li jagħmlu u jżommu kuntatt elettriku effettiv waqt użu normali.

7.4.4 ma għandu jkollhom ebda projezzjonijiet akbar minn 0.5mm fuq il-wiċċ ta' ingaġġ tas-*socket outlet* li minħabba f'hekk ma jippermettux lill-*plug* jidħol għal kollox.

7.4.5 għandu jkollhom *shutters* effiċjenti li awtomatikament jgħattu liż-żewġ kuntatti tas-*socket* li jġorru l-kurrent hekk kif li *plug* imdaħħal jinġibed 'il barra mis-*socket outlet*.

7.4.6 fil-każ ta' *socket outlets* multipli, għandhom ikunu kapaċi ta' użu simultanju tas-*socket outlets* kollha.

7.5 *Adaptors* li jaqgħu taħt dan l-ordni għandhom:

7.5.1 ħlief għal *shaver adaptors*, ikunu permanentement immarkati fuq il-wiċċ ta' ingaġġ bil-*load* massima totali ta' elettriku intenzjonata li tiġi konnessa f'*amperes*.

7.5.2 fil-każ ta' *shaver adaptors*, ikunu immarkati fuq il-wiċċ aċċessibbli ta' barra bi kliem adattat bħal "Shavers only" u jkunu iffittjati bi *fuse* ta' 1 *Ampere*.

7.5.3 ikunu iffittjati bi *fuse link* adattat; madankollu *adaptor* li jkollu *adaptor socket outlet* wieħed jew tnejn għal *plugs* ta' 13 *Amperes* ma għandux għalfejn ikun *fused*.

Partijiet maħsubin biex jiġu elettrifikati.

8.1 Kull parti ta' xi aċċessorju li għalih japplika dan l-ordni għandha tassigura protezzjoni kontra periklu li jista' jiġi kkaġunat minn kuntatt elettriku dirett jew indirett.

8.2 Partijiet maħsubin biex jiġu elettrifikati għandhom ikunu hekk iżolati jew mifrudin b'iżolazzjoni bażika li ma jkunux suġġetti li, meta l-aċċessorju jkun qed jintuża, jelettrifikaw xi parti ta' l-aċċessorju li ma tkunx maħsuba biex tiġi elettrifikata.

8.3 Meta xi parti mill-aċċessorju, li għalih japplika dan l-ordni, li tkun maħsuba biex tiġi elettrifikata tkun tista' tikkaġuna xokk elettriku lill-persuna li tmissha, l-aċċessorju għandu jkun hekk maħsub li dak il-punt ma jkunx jista' jintmess qabel ma ssir xi ħaġa lill-aċċessorju li tkun teħtieġ l-użu ta' l-għodda.

Partijiet mhux maħsubin biex jiġu elettrifikati.

9.1 Il-partijiet tal-metall aċċessibbli kollha ta' aċċessorji ta' l-elettriku għandhom ikollhom provdut b'mod adegwat għall-*earthing*, ħlief li partijiet tal-metall fuq materjal mhux konduttiv, jew viti fi jew li jgħaddu minn ġo materjal mhux konduttiv, u separati b'dak il-materjal minn partijiet li jġorru l-kurrent b'tali mod li f'użu normali huma ma jistgħux isiru *live*, ma għandhomx għalfejn ikunu *earthed*.

Switching.

10.1 Kull *switch*, *fuse* ta' *switch*, *circuit breaker* u *isolating link* għandu jkun:

10.1.1 hekk kostruwit, imqiegħed jew protett li ma jitħalliex ikun hemm periklu.

10.1.2 hekk kostruwit u aġġustat hekk preċiż li jagħmel u jżomm kuntatt tajjeb.

10.1.3 provdut b'membru effiċjenti ta' tħaddim jew mezz ieħor ta' tħaddim, iżolat mis-sistema, u hekk maħsub li l-id ma tistax bi żvista tmiss partijiet *live*.

7.2 L-aċċessorji li jaqgħu taħt dan l-ordni u li jkollhom *Earth terminal* għandu jkollhom id-disposizzjoni tal-*pins* jew *socket outlets* kif murija fil-Figura 1 li tinsab annessa ma' dan l-ordni.

7.3 Il-*plugs* li jaqgħu taħt dan l-ordni għandhom jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet li ġejjin:

7.3.1 Il-bażi u l-għatu ta' *rewireable plugs* għandhom ikunu mqabbdin fis-sod ma' xulxin u għandu jkun impossibbli li wieħed jaqla' l-għatu jekk il-*plug* ma jinqalax 'il barra għal kollox minn mas-*socket outlet*.

7.3.2 Il-*plugs* għandhom ikunu hekk maħsubin li waqt li jkunu qed jintużaw il-*pins* jibqgħu iżommu tajjeb il-pożizzjoni tagħhom u ma jkun hemm ebda probabbiltà li jinqalgħu minn mal-*plug* waqt użu normali.

7.3.3 Il-*plugs* tat-*13A (BS1363)* għandu jkollhom dawn il-ħtiġijiet li ġejjin:—

7.3.3.1 Il-profil ġenerali u d-dimensjonijiet kif murija fil-Figura 2 li tinsab annessa ma' dan l-ordni.

7.3.3.2 Ebda parti minn *Line pin* jew *Neutral pin* ma għandu jkollha distanza periferali ta' inqas minn 9.2mm imkejla matul il-wiċċ ta' ingaġġ.

7.3.3.3 Il-*Line pins* u n-*Neutral pins* tal-*plugs* għandhom ikunu iffittjati b'*insulating sleeves* li jkollhom id-dimensjonijiet murija fil-Figura 2 li tinsab annessa ma' dan l-ordni.

7.3.4 Il-partijiet *live* ma għandhomx ikunu aċċessibbli meta jkunu *wired* bħal f'użu normali u jkunu ingaġġati għal kollox f'*socket outlet*.

7.4 *Socket outlets* li jaqgħu taħt dan l-ordni —

7.4.1 għandhom ikunu hekk kostruwiti li meta jkun qed jiddaħħal *plug* korrispondenti l-konnessjoni ta' l-*Earth* issir qabel il-*pins* li jġorru l-kurrent. Meta jkun qiegħed jinqala' 'l barra l-*plug*, il-partijiet li jġorru l-kurrent għandhom jisseparaw qabel ma jinqata' l-kuntatt ta' l-*Earth*.

7.4.2 għandhom, ħlief għal *shaver units*, ikunu hekk kostruwiti li ma jkunx jista' jkun hemm qlib ta' polarità.

7.4.3 għandhom ikunu hekk kostruwiti li jagħmlu u jżommu kuntatt elettriku effettiv waqt użu normali.

7.4.4 ma għandu jkollhom ebda projezzjonijiet akbar minn 0.5mm fuq il-wiċċ ta' ingaġġ tas-*socket outlet* li minħabba f'hekk ma jippermettux lill-*plug* jidħol għal kollox.

Ħtiġijiet mekkaniċi.

13.1 Aċċessorji ta' l-elettriku li għalihom japplika dan l-ordni għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet mekkaniċi mistennija sabiex jiġi evitat periklu kif muri bl-esperjenza.


Reżistenza għal influwenzi mhux mekkaniċi.

14.1 L-aċċessorji ta' l-elettriku kollha li għalihom japplika dan l-ordni għandhom ikunu reżistenti għal influwenzi mhux mekkaniċi f'kondizzjonijiet ambjentali mistennija, sabiex jiġi evitat il-periklu.

Metodi ta' prova.


15.1 Aċċessorji ta' l-elettriku li għalihom japplika dan l-ordni għandhom jiġu ttestjati b'metodi deskritti fil-*British Standards* relattivi.

FIGURA 1
Identifikazzjoni tal-kuntatti



NOTA. Id-dijagramma turi d-disposizzjoni tal-kuntatti tas-*socket* kif jidhru mill-faċċata ta' *socket outlet*

FIGURA 2
Dimensjonijiet u disposizzjoni tal-*plug pins* u l-profil massimu tal-*plug*



Id-dimensjonijiet huma f'millimetri.